# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **10** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **it-Tlieta 24 ta' Settembru 2013 fil-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sinjorina Desiree` Attard |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Sandro Gatt |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skrivana | Is-Sinjorina Chantel Zammit |
| Skużat | Is-Sur John B. Camilleri |

### ***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 9.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Approvazzjoni tar-Rapport ta' kull kwart April – Ġunju 2013
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
9. Aġġornament.


Mayor
**Mario Calleja**

Vice Mayor
**Desiree` Attard**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**CharlotMifsud**
**CharlotCassar**
**Elisabeth Cassar**
**Lawrence Ciantar**
**Daniel Spiteri**
**Sandro Gatt**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 9(1) ta' 30 ta' Awwissu 2013:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi paġna 5 l-ewwel paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud informa lill-Kunsilliera illi ser jsiru lezzjonijiet bil-Malti għal-barranin. Huwa żied jgħid li dan il-kors ser isir ġot-training centre u ser ikun jiswa €25 għal kull persuna, liema flus se jgħaddu lil persuna inkarigata mil-lezzjonijiet."*

**Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ppropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet.**

**Il-minuti kif emendati ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 **Punti li joħorġu mill-Minuti:**

2.1 **Laqgħa Nru 9(1) tal-30 ta' Awwissu 2013:**

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi rigward l-artiklu #8.2 ta paġna 9, huwa ser jitkellem mal-persuna responsabbli mil-boys scouts fil-jiem li ġejjien.

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi rigward l-artiklu # 7.5 paġna 8 il-pots ġibnihom u poġġejna tnejn fic-central strip ta' quddiem Grabiel u tnejn fi Triq is-Salvja.

2.1.4 Is-Sindku informa l-Kunsilliera rigward artiklu # 7.4 ta' paġna 8 fejn hu mar għand il-Pulizija u kiseb il-permess sabiex ikun jista jiġbor fondi għan-nies fil-bżonn sabiex jingħataw lil Fr Giovanni misjunarju f'Ariqupa Peru qal illi ħames snin ilu ma kienx jaf li għandu jsir permess u ma riedx li jerġgħa jirrepeti l-istess żball. Hu kompla jgħid illi anke ser jitlob lill-Accountant tal-Kunsill sabiex tkun tista tagħmel rendikont ta' dawn il-fondi.

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Korrispondenza mill-Enemalta dwar Triq il-Blajjiet( 35/4766/13/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv beda billi jgħid illi din il-kwistjoni ser ikun qed jieħu ħsieba l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri peress illi diġa hemm sistema ta' pipijiet minn fejn jista jgħaddi dan il-wiring fi Triq il-Blajjiet minn ħdejn il-Luzzu sa Triq Għaxqet il-għajn.

Waqt il-laqgħa s-Sindku rċieva messaġġ mingħand il-Kunsillier John B Camilleri fejn qal illi dan il-wiring jistgħa jgħaddi minn dawn il-pipijiet eżistenti fil-bankina u ser ikomplu d-diskussjonijiet mal-Enemalta sabiex dan ikun possibli.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fi Triq il-Blajjiet il-parti li tagħti mill-Luzzu sa Triq Għaxqet il-għajn sar trasferiment ta' transformer li kien qiegħed ġo għalqa, fejn l-Enemalta mexxiet dan it-transformer għal fuq il-bankina. Kompla jgħid illi ġibdulu l-attenzjoni residenti għaliex dan qiegħed ta' periklu għal dawk il-karozzi li jkunu neżlin f'din it-triq u jekk xi ħadd jaħbat ġo fih jista jkun hemm traġedja għaliex dan ikolli vultaġġ qawwi. Hu qal illi tajjeb li jsiru xi barriers sabiex nevitaw il-periklu.

Is-Sindku qal illi tajjeb illi dejjem nieħdu ritratti sabiex inkunu nistgħu mmexxu l-ilment aħjar. Is-Sindku qal illi għandna nikkomunikaw mall-Enemalta rigward dan u ngħidulhom illi dejjem għandhom jikkonsultaw magħna rigward tibdil li jkun qed isir fil-Lokalita' sabiex inkunu nistgħu nieħdu passi immedjati.

3.2 **Korrispondenza mill-għaqda Bajja San Tumas dwar attivita' li se tittella fis-26 t'Ottubru-Medieval Banquet (35/4750/13/I):**

Is-Sindku beda billi staqsa jekk għandniex risposta mingħand il-Pulizija rigward in-nuqqas ta' aċċess għal Batterija ta' Rihama.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi irridu nibgħatu reminder lill-Pulizija għaliex għadna ma ħadniex risposta rigward dan.

Is-Sindku qal illi is-Sur Rennie Scicluna qed jibqa jgħid illi dik l-art hija tiegħu mingħajr qatt ma pprovda dokumenti fejn jikkonferma dan u xi ħaġa li ddejqu ħafna huwa l-fatt illi l-istess persuna kuntent jagħti ċ-ċavetta tal-gate lill terzi persuni u mhux lill-Kunsill u kull darba li tkun ser tittella attivita u jkun hemm bżonn li nużaw dan il-passaġġ biex inqedu mobile toilets eċċ dejjem irridu nċemplu u nirrikorru għal dan il-persuna. Is-Sindku kompla jgħid illi sakemm jiġi stabbilit ta' min hi l-art għandu jkollna ċavetta aħna ukoll.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi aħna bħala Kunsill għandna d-dritt ta' l-aċċess, skond pjanta provduta mil-Lands Department li tindika ċarament dan.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa jekk il-Lands Department tkunx tista tgħidilna din l-art ta' min hi.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-Lands Department jgħidlek jekk l-art hiex privata jew pubblika pero` ma jagħtikx dettalji ta' l-individwu.

Is-Sindku qal illi aċċess bil-mixi hemm pero`meta jkun hemm bżonn li nużawha b'mod ieħor kif diġa spjega qabel għal xi mobile toilets tispiċċa kull darba titlob lil dan ir-raġel sabiex jiftaħlek.

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għal-laqgħa fis-6.25pm***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi f'dan il-każ hemm bżonn illi ssir riċerka permess ta' nutar u nimxu skond l-evidenza li nsibu għaliex inutli ħa nibqgħu nistennew lil dan ir-raġel sabiex iġib l-evidenza meta sal-lum għadna mingħajra.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nqabbdu nutar u l-persuna magħżula kien in-Nutar Cory Greenland.

Is-Sindku qal illi t-titlu ta' dan ir-ridott huwa tagħna pero il-guardianship deed tal-Batterija għadu ma sarx.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi r-Rihama Battery Management team infurmawna illi ser issir Medieval Banquet fis-26 t'Ottubru ġewwa l-Batterija għal prezz ta €25.

Is-Sindku qal illi irridu noqgħodu attenti minħabba li ser jinġabru flus u din l-attivita' ser issir f'isem il-Kunsill ukoll fejn aħna bħala Kunsill ma nistgħux nagħmlu qliegħ.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni illi l-guardianship deed għadu ma sarx u hemm bżonn li ninsistu biex jiġi iffirmat biex ma jinqalawx problemi bħat-Torri ta' San Tumas.

Il-Kunsill qabel illi ser ngħatu kontribut permezz ta' mobile toilets għal din l-attivita`, filwaqt illi l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri għandu jibqa jattendi għal laqgħat li jsiru peress illi jkun qed jirrapreżenta lill-Kunsill.

3.3 **Memo 21 dwar linja ta' gwida dwar telefon ċellulari (35/4677/13):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-memo 21/2013 u qal illi l-Kunsill issa jista jkollu mobile bil-kuntratt fix-xahar fejn dan ikun jista jintuża mis-Sindku jew rappreżentant tal-Kunsill anke barra l-uffiċini tal-Kunsill b'numru ġdid.

Is-Sindku qal illi hu jħallas ammonti kbar ta' telefonija bil-mobile personali tiegħu minħabba telefonati ta' xogħol u permezz ta' dan il-mobile jkun qed inaqqas mill-ispejjes tal-mobile tiegħu.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi tajjeb li nagħmlu restrizzjonijiet għal telefonati barra minn Malta.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif ġibna stimi mingħand il-Melita tal-kuntratt ta' €15 u €30.

Il-Kunsill iddeċieda sabiex inġibu stimi oħra mingħand kumpaniji oħra ta' linji tat-telefonaija bejn €25 u €50.

3.4 **X'passi se jittieħdu mill-Kunsill rigward street furniture advertising:**

Is-Sindku beda billi qal illi dik il-persuna li kella ttiġi tħallas għall-istreet advertising skond il-Bye law ta' l-istreet furniture ma ġiex.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fl-opinjoni tiegħu noħorġu expression of interest għal dawn l-istreet furniture apparti il-U Shaped bollard ta' l-istainless steel.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex toħroġ expression of interest.

3.5 **Progress li sar mill-Kunsill rigward il-problema ta' stray cats:**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud beda jispjega x'intqal waqt il-laqgħa li saret mall-persuna mill-animal welfare, mat-trapper u żewġ voluntiera oħra.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi l-Kunsill jeħtieġ li jsib post fejn il-qtates jirrikoveraw fih wara li jsir in-neutering. Dan il-post irid ikollu ventilazzjoni filwaqt li l-ħlas tat-trapper ser ikun ta €8 kull qattus. Hu kompla jgħid illi xorta ser ikun hemm problema għaliex wara li jsir in-neutering dawn il-qtates xorta ser jispiċċaw jiġru barra b'hekk hu ta' l-ideja li jinfetaħ santwarju tal-annimali ġewwa l-family park. Dan kollu għandu jerġa jiġi diskuss mar-rappreżentanti tal-Gvern Ċentrali.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lill-Wasteserv dwar il-possibilita` li jsir santwarju tal-qtates fil-family park.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsudi ġie skużat mis-seduta fis-7.05pm***

- ***Saret sospenzjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss punt numru 5 mil-Aġenda***

5.0 ***Approvazzjoni tar-Rapport ta' kull kwart April – Ġunju 2013:***

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech beda billi jgħid illi għadna qedgħin nistennew informazzjoni mill-accountant preċedenti.

Is-Sinjura Doreen Mintoff qalet illi għanda bżonn il-lista tal-kredituri sabiex jiġu aġġustati tas-snin ta' qabel u għaldaqstant hi għanda bżonn break down tal-financial statements.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa lill-Accountant jekk l-ex accountant ma jagħtix l-informazzjoni mitluba nistgħux nimxu mingħajr din l-informazzjoni.

Is-Sinjura Mintoff qalet illi f'dak il-każ ikollna nirrikorru għand l-awditur ġenerali forsi jkunu jistgħu jgħinuna huma.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi fl-opinjoni tiegħu għandna nagħtu deadline lil-ex accountant sa meta jistgħa jagħti irrisposti tiegħu din għandha tkun sas-7 ta' Ottubru 2013. Hu kompla jgħid illi fil-każ illi ma ningħatawx ir-risposti nibgħatulu ittra bl-avukat.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nagħtu deadline lil-ex accountant sas-7 ta' Ottubru 2013 sabiex jissottometti d-dokumenti kollha mitluba u f'każ li dan ma jseħħx jittieħdu passi ulterjuri.

5.2 Is-Sinjura Doreen Mintoff, l-accountant tal-Kunsill spjegat fid-dettal ir-rapport ta' kull kwart.

**Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard pproponiet l-approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart minn April sa Ġunju kif emendati u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet.**

3.6 ***Kuntratt mal-Green MT jiskadi fl-1 ta' Novembru 2013:***

Is-Sindku beda billi qal illi wasal iż-żmien li jiskadi il-kuntratt li għandna mall-Green MT.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tajjeb li nagħmlu laqgħa kemm mall-Green MT kif ukoll mall-Green Pak.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar stqarr illi mhux ser ikun preżenti fil-laqgħat ma' dawn iż-żewġ entitajiet minħabba konflitt ta' nteress.

Is-Sindku qal illi f'dawn l-erba snin dejjem morna tajjeb mall-Green Mt u jekk mhux obligatorja l-laqgħa ma' l-entita` l-oħra cioe Green Pak ma jħossx li għandna għalfejn nagħmlu laqgħa magħhom.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi tajjeb li aħna bħala Kunsill ikollna rendikont ta' kemm nġabar skart riċiklatt minn Marsaskala kull xahar għal din is-sena u nedukaw aktar lin-nies sabiex jirriċiklaw.

Is-Sindku qal illi jħoss li r-riċiklaġġ fil-lokalita` tagħna mexa ħafna il-quddiem u hawn ħafna aktar ndafa ukoll min snin preċedenti.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi ilna min Jannar 2013 mingħajn ma nirċievu informazzjoni ta' kemm nġabar skart riċiklat.

Il-Kunsill qabel illi nitolbu lill-Green MT rendikont ta' kemm inġabar skart riċiklatt min Jannar sa Settembru 2013 fil-Lokalita` ta' Marsaskala kif ukoll rendikont ta' kemm fadlilna nieħdu flus min-naħa tagħhom.

Is-Sindku qal li tajjeb nirringrazzjaw ukoll lill-pubbliku fil-magazine li ġej għaliex bis-saħħa tar-riċiklaġġ tagħhom qegħdin nġibu aktar bankijiet għal mal-promenade sabiex insebħu aktar l-lokalita`.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nikkordinaw żewġ laqgħat ma' dawn iż-żewġ entitajiet.

3.7 ***Premju anzjan tas-sena 2013 (35/4804/13/I):***

Il-Kunsill qabel unanimament illi ninominaw lis-Sur Alfred Debono għall-premju anzjan tas-sena 2013.

3.8 ***Sponsor ta' €1500 mingħand il-Wasteserv:***

Is-Sindku spjega illi dan l-isponsor ta' €1500 ser jintuża sabiex jinxtraw il-bankijiet pero` hu ikkordina ukoll mall-Wasteserv sabiex bħas-sena l-oħra jerġgħu jipprovdu huma d-dawl dekorattiv tal-Milied minn quddiem l-impjant sa ħdejn il-bandli, Triq ix-Xatt, Triq Sant' Anna u biċċa minn Triq tal-Gardiel.

3.9 **Proposta ta' tħawwil ta' siġar fiż-żona ta' San Tumas minn kumpanijja privata (35/4897/13/I):**

Is-Sindku beda billi spjega lill-Kunsilliera illi Dr Buhagiar jixtieq jagħti xi pjanti indiġini sabiex inkunu nistgħu npoġġuhom fil-Lokalita' ta' Marsaskala. Hu kompla jgħid illi kien ta' l-opinjoni li nqeduhom fid-ditch pero ra li ma hemmx biżżejjed ħamrija.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi jaħseb li dawk ir-residenti kollha li għandhom ġonna vojta u jixtiequ jqiegħdu dawn il-pjanti tkun idejali ħafna għalihom.

Il-Kunsill qabel unanimament illi noħorġu avviż għar-residenti kollha interessati f'dawn il-pjanti.

3.10 **Biex il-Kunsill jevalwa l-possibilita` li jitwaħħlu bollards bil-katina fi Pjazza Mifsud Bonniċi sabiex jiġi eliminat l-abbuż ta' mwejjed u siġġijiet (35/491/13/I):**

Is-Sindku beda billi qal illi l-vandaliżmu ġewwa il-bandli Pjazza Mifsud Bonniċi naqas ħafna u issa bl-għajnuna tal-ETC ser ikollna security mal-bandli 4 siegħat kuljum filgħaxija. Hu staqsa lill-Kunsill jekk jaqblux li jkollu xi tip ta' identifikazzjoni ezempju flok bil-kelma Kunsill Lokali Marsaskala.

Il-Kunsill qabel illi dan is-security isirlu uniformi b'identifikazzjoni mill-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hemm stabbiliment li qed joħroġ mwejjed u siġġijiet fl-ewwel parti hekk kif tidħol fil-bandli b'mod esaġerat.

Il-Kunsill iddeċieda illi ser isiru linji sofor fejn jindikaw sa fejn għandhom jinħarġu dawn l-imwejjed u siġġijiet u kemm il-darba dawn mhux ser jiġu obduti l-Kunsill ma jifdallu l-ebda alternattiva ħlief li jagħmel bollards. Gie deċiz ukoll sabiex nibgħatu ittra lill-ħwienet sabiex ninfurmawhom b'dan kollu.

3.11 **Bżonnijiet ta' dawl għal Iljieli Skalin:**

Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar ippreżentat quddiem il-Kunsill rendikont tal-ispejjez li jikkonċernaw l-attivita Iljieli Skalin. Kopja ta' dawn l-ispejjes tinsab anness ma dawn il-minuti.

Il-Kunsill approva l-ispejjez ikkonċernati. Is-Segretarju spjega wkoll li l-ħtiġijiet tad-dawl din is-sena mhux ser ikunu ħafna u se jlaħħqu spiża ta' madwar €1100.

3.12 **Fondi mill-GAL XLOKK:**

Is-Sindku beda billi qal illi attenda għal-laqgħa li saret mall-GAL Xlokk fejn hemm xi fondi illi ser jiġu mill-Unjoni Ewropeja fejn ser jinqassmu mas-seba lokalitajiet u kull Lokalita' ser tingħata €15,000. Hu kompla jgħid illi fl-opinjoni tiegħu għandna nutiliżżawhom fil-fanali li kien diġa ppreżenta quddiem il-Kunsill il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri fi Triq Sant Anna u toroq oħra.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa rigward pagament numru #674 u qal illi bl-ammont li qed jitħallas dan il-kuntrattur għandu jaderixxi ma l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt u dejjem ikun hemm attendant hekk kif stipulat fl-istess kuntratt għaliex dan is-sajf mhux dejjem kien qed ikun hemm attendant fil-latrini ta' taħt il-knisja u f'dik ta' San Tumas.

Is-Sindku talab sabiex dan il-kuntrattur jiġi mistieden jattendi għal laqgħa tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament illi minflok jattendi fil-laqgħa tal-Kunsill għandhom ikellmuh is-Segretarju u s-Sindku u jelenkawlu n-nuqqasijiet tiegħu u jibdew isiru spot checks fil-latrini.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi la darba dan is-sajf il-latrini kienu qed ikunu mingħajr attendant tajjeb li t-tender li jmiss toħroġ tkun mingħajr attendant u b'hekk il-prezz ikun irħas. Il-Kunsill pero` irid l-ewwel jiddetermina jekk iġeddidx il-kuntratt ta' dan il-kuntrattur.

***Il-Kunsillier Is-Sur Charlot Cassar ppropona l-awtorizzazjoni ta' dawn il-pagamenti u l-Kunsillier s-Sur Daniel Spiteri ssekonda.***

***Il-Kunsill approva unanimament.***

6.0 ***<u>Mistoqsijiet:</u>***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

7.0 ***<u>Mozzjonijiet:</u>***

7.1 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar (#039-24/9/13):</u>**

*"Jipproponi li tinfetaħ diskussjoni mat-Transport Malta bil-ħsieb li noħolqu pjanta dettaljata tat-traffic flow f'Marsaskala. F'din id-diskussjoni għandu jiġi studjat dan il-flow eżistenti u jekk hemmx il-ħtieġa li jsir xi tibdil sabiex tissaħħaħ is-sigurta fit-toroq tagħna kif ukoll sabiex tonqos il-konġestjoni u t-tniġġiż fl-arja u anke sabiex tiġi studjata l-possibbiltà li jinħolqu aktar spazji ta' parkeġġ. F'kas li dawn id-diskussjonijiet mat-Transport Malta iwasslu għal rakkomandazzjoni ta' tibdil, tali tibdil għandu jiġi suġġett għall-konsultazzjoni pubblika".*

Sar qbil unanimu illi niktbu lic-Chairman tat-TMalta.

8.0 ***<u>Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.</u>***

8.1 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud informa lill-Kunsill illi hemm ħsieb sabiex jerġgħu jsiru l-lezzjonijiet tal-Crafts ġewwa l-educational centre għax-xitwa li ġejja.

9.0 ***<u>Aġġornament:</u>***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.00p.m. Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta 22 ta' Ottubru 2013 fis-6.00pm

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku